KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 28 *ad hoc*** **IS-SITT KUNSILL**

Is-tmienja u għoxrin seduta *ad hoc* tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa **9 ta' Frar, 2011** fil-5.40 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Martin Debono, Julian Galea, Nicolai Gauci u Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.
Is-Sur Christian Vella.

**SKUZAT**

Il-Kunsillier Nikki Dimech.

Is-Sindku ppresediet.

**28.1 Financial Statements għas-sena li għalqet Diċembru 2010**

28.1.1 J. Gonzi talbet lis-Sur Vella jagħti spjegazzjoni dwar ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2010. (***Dok A anness***)

28.1.2 Is-Sur Vella ta spjegazzjoni dettaljata dwar id-dħul u l-ħruġ mill-kotba tal-Kunsill. Qal li l-Kunsill jaghmel dhul minn skemi tad-Dipartiment ghal Gvern Lokali kif ukoll mill-bye laws li ghandu l-Kunsill, fost dawn mill-Bye Law Advertising on Street Furniture, kif ukoll pagamenti mill-Kumitat Konġunt tal-Infurzar tal-Liġi.

28.1.3 *Il-Kunsillier Cali staqsa dwar il-hlas li ghandu jircievi l-Kunsill minghand is-Sur Naudi ta' Active Enterprises ghal uzu ta' barriers ghar-reklamar.*

28.1.4 *Is-Sindku qalet li kienet iltaqgħet mas-Sur Franco Naudi minhabba li s-Sur Naudi għandu jħallas lill-Kunsill tal-barriers li qed juza f'Tas-Sliema ghal reklamar.*

28.1.5 *Is-Segretarju Eżekuttiv resqet ghal attezjoni tal-Kunsill illi l-Contracts Manager tal-Kunsill intbaghat idur il-barriers ghal reklamar biex il-Kunsill ikun jaf kemm hawn barriers biex ikun jista' jintalab il-pagament finali minghand Active Enterprises.*

28.1.6 Il-Kunsillier J. Galea qal fil-bagit tas-sena l-ohra l-Gvern habbar skemi ghal zoni turistici. Il-Kunsill ghandu jivverifika mal-Awtorita Maltija tat-Turizmu dwar din l-iskema

28.1.7 Filwaqt li ta spjegazzjoni ta' kull *item* taht *Item 9* "Operations and Maintenance", is-Sur Vella qal li l-Kunsill ghad irid jircievi iktar kontijiet minghand Polidano Group ghal numru ta' toroq li saru xoghlijiet fihom fis-sena 2010, fost dawn Triq Sant Enriku u Sant' Elena.

28.1.8 *Il-Kunsillier Galea staqsa jekk l-ilma li jintuza mill-ELC biex jissaqqa Gnien Indipendenza hux tal-vit jew tal-bowser. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-contracts manager biex jivverifika mal-kuntrattur.*

28.1.9 *Dwar Polidano Group is-Sindku qalet li kienet diġa saret laqgħa mas-Sur Charles Polidano fejn hafna mill-materji pendenti kienu inghataw attenzjoni mis-Sur Polidano. Fost dawn issemmiet il-credit memo ta' EUR36,000.*

28.1.10 *Dwar it-tower crane ta' Polidano Grupp li qed jostakola l-access ghal Triq San Pawl, il-Kunsill qabel li għandha tintbgħat korrispondenza lis-Sur Polidano.*

28.1.11 Is-Sur Vella qal li ghad hemm pagamenti pendenti fost dawn ghal progett tal-*fairy lights.*

28.1.12 Is-Sindku pproponiet li għandha ssir laqgħa apposta bejn il-Kunsill, l-Avukat tal-Kunsill u l-Accountant tal-Kunsill, dwar il-kontijiet li kienu nżammu pendenti minħabba l-problemi preċedenti li kellu l-Kunsill. Il-Viċi Sindku issekonda. Il-Kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur.

***Il-Kunsillier N. Gauci daħal għas-seduta fis-6.30 ta' filghaxija.***

28.1.13 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa dwar kontijiet pendenti ghandha ssir l-Erbgħa 2 ta' Marzu 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.

28.1.14 Is-Sur Vella spjega li kull *invoice* li jircievi l-Kunsill trid tiġi mdaħħla fil-kotba. Qal li wara din il-laqgħa, la darba l-Kunsill ikun jaf x'jista jħallas, il-kunsill ikun f'qaghda aħjar biex jara l-pożizzjoni finanzjarja tieghu.

28.1.15 Is-Sur Vella ta spjegazzjoni dwar Item 10 "Administration and other expenditure". Semma li qed isir ezercizzju biex jigi aggornat il-Fixed Assets Register tal-Kunsill biex tkun tista' tinhareg sejha ghall-offerti ghall-insurance tal-Kunsill.

28.1.16 Il-Kunsillier M. Aquilina talbet rendikont tal-attivitajiet kulturali organizzati mill-Kunsill.

28.1.17 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova r-rendikont finanzjarju. Il-Kunsillier P. Pace issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, S. Camilleri, M. Debono u N. Gauci astjenew. Il-Kunsillier N. Gauci qal li xtaq jikkwalifka l-vot tieghu u qal li qieghed jastjeni ghaliex jixtieq rapport iktar dettaljat tad-dhul u n-nefqa tal-Kunsill.

28.1.18 Il-Kunsill qabel li ghandu jkun fornut bl-*Expenses and Income Ledgers* kif mitlub mill-Kunsillier N. Gauci.

***Il-Kunsillier P. Pace talab li jiġi skużat mis-seduta fis-6.45 ta' filghaxija.***

28.1.19 In vista tal-kontijiet li l-Kunsill ircieva ghall-armar fit-toroq fi zmien il-Milied, il-Kunsillier J. Galea staqsa kif jista' l-Kunsill jaccerta l-ammont ezatt tal-flus li s-Socjeta Filarmonika Sliema u s-Soċjeta Filarmonika Stella Maris ġabru minghand tal-ħwienet.

28.1.9.1 Is-Sindku qalet li l-ismijiet tal-ħwienet li jkunu taw kontribuzzjoni għat-tiżjin fit-toroq jidhru fil-ħarġa li jkun imiss tal-fuljett tal-Kunsill. Dawk il-hwienet li isimhom ma jkunx jidher izda li jkunu taw il-kontribuzzjoni tagħhom jistgħu jinfurmaw lill-Kunsill.

**28.2 Bagit ghas-sena Jannar - Dicembru 2011**

28.2.1 Is-Sur Vella ta spjegazzjoni dettaljata ta'kull *item* li jidher fil-bagit. (***Dok B anness***)

28.2.2 Il-Kunsillier M. Debono talab informazzjoni dwar kemm baqa' fondi fil-UIF minhabba li dan il-fond intuza biex issir it-Triq ta' Qui Si Sana.

28.2.2.1 Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika mal-MEPA.

28.2.3 Dwar it-tindif tat-toroq, is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mas-Sur Zammit, Direttur tal-Cleansing Services Department, li nfurmaha li d-Dipartiment tieghu se jaggorna l-*works programme* tieghu biex ikun jista' jingħata servizz aħjar.

28.2.4 Il-Kunsillier M. Debono staqsa jekk kienx hemm xi tip ta' komunikazzjoni dwar il-PPP.

28.2.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li bejn il-perjodu Jannar u April 2010 kienet ghaddiet korrispondenza bejn is-Sindju ta' dak iz-zmien u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill kiteb lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali biex jinfurmah li xtaq jippartecipa f'din l-iskema f'April 2010.

28.2.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li talbet parir mis-Sur Oreste Chircop mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar l-aġġudikazzjoni tat-*tender* tal-iskart. Qalet li l-parir li nghatalha kien li l-aġġudikazzjoni ma tistax issir waqt laqgħa miftuha ghall-pubbliku. Is-Sindku qalet li s-suggeriment li nghatalha kien li jkun iffurmat bord tal-aggudikazzjoni li jkun rapprezentattiv tal-membri tal-Kunsill. Issugeriet ukoll li l-Avukat, il-Perit u l-Accountant tal-Kunsill ikunu wkoll membri tal-bord tal-aggudikazzjoni. Is-Sindku qalet li aktar ma l-Kunsill idum biex jaġġudika dan it-*tender* aktar ma l-Kunsill se jdum jopera fuq l-*agreement* ta' emerġenza.

28.2.5.1 Il-Kunsillier M. Debono ssuġġerixxa li l-bord tal-aggudikazzjoni jkun kompost mill-Kunsill kollu.

28.2.5.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li l-bord tal-aggudikazzjoni jkun kompost mill-Kunsill kollu flimkien mal-Avukat, il-Perit u l-Accountant tal-Kunsill.

28.2.5.3 Is-Sindku pproponiet li tissejjah laqgha biex jigi aggudikat it-tender fl-4 ta' Marzu 2011 fil-5.30 ta' filghaxija.

28.2.6 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova l-bagit ghal din is-sena. Il-Kunsillier J. Galea issekonda. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier E. Cuchieri ivvutaw favur. Il-Kunsillier M. Debono vvota kontra. Il-Kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, B. Cali u N. Gauci astjenew.

**Is-seduta ntemmet fis-7.20 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum ............................ ta' .......................... 201 .
(jum) (data) (xahar)